# *Pass 'il Quddiem fil-Kawża ta' Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla*

# Mons. Ġużeppi De Piro

Nhar is-Sibt, 25 ta' Jannar 2003, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-Katidral ta' Malta fl-Imdina, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca flimkien mal-Kapitlu Metropolitan, iċċelebraw Pontifikal Solenni, biex jingħalaq il-Proċess Djoċesan ta' Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Mons. Ġużeppi De Piro.

Flimkien mas-Superjur Ġenerali l-W.R. Dun Bernard Mangion, il-Vigarju ta' Malta u l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl imwaqqfa minn Mons. Ġużeppi De Piro, jikkonċelebraw kien hemm għadd kbir ta' saċerdoti, kemm djoċesani kif ukoll reliġjużi minn diversi Ordnijiet.

Mons. Ġużeppi De Piro kien membru attiv u l-familja tiegħu kienu benefatturi kbar ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina. Tant hu hekk, li Dun Santino De Piro (ħu Mons. Ġużeppi De Piro) jinsab midfun fil-Kannirja tas-Santwarju ta' San Ġużepp.

***Fis-7 ta' Ottubru 1988 infetħet uffiċjalment il-Kawża ta' Kanonizzazzjoni tal-Fundatur tagħna, il-Qaddej ta' Alla, Ġużeppi De Piro. Minn dak iż-żmien 'l hawn sar ħafna studju ta' dokumenti u saru bosta intervisti ma' nies li kienu jafu lill-Monsinjur direttament. Issa wasalna fit-tmiem ta' din il-ħidma f'pajjiżna. Fi ftit ġimgħat oħra l-materjal kollu jintbagħat Ruma biex hemmhekk tinbeda t-tieni fażi jew il-Proċess Appostoliku.***



Il-Qaddej ta' Alla
MONS. ĠUŻEPPI DE PIRO
(1877 - 1933)
Fundatur
Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl